

31978L1027

L 362/7

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

23.12.1978

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tat-18 ta' Diċembru 1978

li tikkonċerna l-koordinazzjoni tad-dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fir-rigward ta' l-attivitajiet ta' kirurgi veterinarji

(78/1027/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbli l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 49, 57, 66 u 235 tiegħu,

L-Artikolu 1

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽³⁾,

Billi, bil-ħsieb li jintlaħaq rikonossiment reċiproku tad-diplomi, iċ-ċertifikati u provi oħrajn ta' kwalifiki formali fil-mediċina veterinarja stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 78/1026/KEE tat-18 ta' Diċembru 1978 li tikkonċerna r-ikonossiment reċiproku tad-diplomi, taċ-ċertifikati u ta' provi oħrajn ta' kwalifiki formali fil-mediċina veterinarja, inklużi miżuri biex jiffaċilitaw l-eżerċizzju effettiv tad-dritt ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi ⁽⁴⁾, in-natura paragunabbli tal-korsijiet tat-taħriġ fl-Istati Membri tagħmel possibbli li l-koordinazzjoni f'dan il-qasam tiġi limitata għall-ħtieġa li jiġu osservati l-istandards minimi, li mbaġħad iħalli lill-Istati Membri l-libertà ta' l-organizzazzjoni fir-rigward ta' l-istruzzjoni;

Billi l-koordinazzjoni tal-kondizzjonijiet għat-tweqqif ta' dan ix-xogħol, kif maħsub minn din id-Direttiva, ma jeskludi ebda koordinazzjoni sussegwenti;

Billi l-koordinazzjoni maħsuba b'din id-Direttiva tkopri t-taħriġ professjonali tal-kirurgi veterinarji; billi, safejn hu kkonċernat it-taħriġ, il-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri ma jiddistingwux fil-preżent bejn kirurgi veterinarji li jwettqu l-attivitajiet tagħhom bħala persuni impjegati u dawk li jaħdmu għal rashom; billi, għal din ir-raġuni u sabiex tiġi inkoraġġita sa fejn hu possibbli l-libertà tal-moviment ta' persuni professjonali fil-Komunità, jidher neċessarju li l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva tkopri kirurgi veterinarji impjegati,

1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li persuni li jixtiequ jibdeu u jwettqu l-professjoni ta' kirurgu veterinarju jkollhom diploma, ċertifikat jew prova oħra ta' kwalifiki formali fil-mediċina veterinarja msemmija fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 78/1026/KEE li jiggarrantixxu illi matul il-perjodu komplet tat-taħriġ tagħha l-persuna kkonċernata tkun akkwistat:

- (a) tagħrif adegwat dwar ix-xjenzi li fuqhom huma bbażati l-attivitajiet tal-kirurgu veterinarju;
- (b) tagħrif adegwat dwar l-istruttura u l-funzjonijiet ta' annimali b'saħħithom, tat-tkabbir tagħhom, tar-riproduzzjoni u l-iġjene inġenerali tagħhom, kif ukoll dwar l-għalf tagħhom, inkluża t-teknoloġija involuta fil-fabbrikazzjoni u l-preservazzjoni ta' l-ikel li jikkorrispondu għall-bżonnijiet tagħhom;
- (c) tagħrif adegwat dwar l-imġiba u l-protezzjoni ta' l-annimali;
- (d) tagħrif adegwat dwar il-kawżi, in-natura, il-proċedura, l-effetti, id-dijanjożi u t-trattament tal-mard ta' l-annimali, kemm jekk ikkunsidrati individwalment jew kemm jekk fi gruppi, inkluż tagħrif speċjali dwar il-mard li jista' jiġi trasmess lill-bnedmin;
- (e) tagħrif adegwat dwar il-mediċina preventiva;
- (f) tagħrif adegwat dwar l-iġjene u t-teknoloġija involuti fil-produzzjoni, fil-fabbrikazzjoni u fiċ-ċirkolazzjoni ta' l-ikel ta' l-annimali jew l-ikel ta' oriġini mill-annimali maħsuba għall-konsum uman;
- (g) tagħrif adegwat dwar il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrelataw mas-suġġetti elenkati hawn fuq;
- (h) esperjenza klinika u esperjenza oħra Prattika adegwati taħt sorveljanza appropjata.

2. It-taħriġ veterinarju ta' din ix-xorta għandu jinkludi b'kolloxx almenu ħames snin ta' istruzzjoni fuq bażi *full-time* teoretika u Prattika funiversità, f'istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla rikonoxxuta bħala li għandha *status* ekwivalenti, jew taħt is-sorveljanza ta' università, u għandu jinkludi mill-inqas is-suġġetti elenkati fl-Anness.

(1) ĠU C 92, ta' l-20.7.1970, p. 18.

(2) ĠU C 19, tat-28.2.1972, p. 10.

(3) ĠU C 60, ta' l-14.6.1971, p. 3.

(4) ĠU L 362, tat 23.12.1978, p. 1

3. Sabiex jiġi aċċettat għal dan it-taħriġ, il-kandidat għandu jkollu diploma jew ċertifikat li jintitolah biex jiġi ammess fl-universitajiet jew fl-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla rikonoxxuti bħala ta' *status* ekwivalenti ta' Stat Membru għall-kors ta' studju kkonċernat.

4. Xejn f'din id-Direttiva ma għandu jippreġudika kull faċilita li tista' tingħata skond ir-regoli proprji minn Stati Membri fir-rigward tat-territorju proprju tagħhom li persuni fil-pussess ta' diplomi, ċertifikati jew provi oħrajn ta' kwalifiki formali li ma jkunux ġew miksuba fi Stat Membru jiġu awtorizzati jibdedu u jwettqu l-attivitajiet ta' kirurgu veterinarju.

L-Artikolu 2

Din id-Direttiva għandha tapplika wkoll għaċ-ċittadini ta' l-Istati Membri li, skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1612/68 tal-15 ta' Ottubru 1968 dwar il-libertà ta' moviment għall-ħaddiema fil-Komunità ⁽¹⁾, qed iwettqu jew se jwettqu bħala persuni impjegati l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 78/1026/KEE.

L-Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-miżuri neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva fi żmien sentejn min-notifika tagħha u għandhom jinformat minnufih lill-Kummissjoni bihom.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenija tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

L-Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-18 ta' Diċembru 1978.

Għall-Kunsill

Il-President

H.-D. GENSCHER

⁽¹⁾ ĠU L 257, tad-19.10.1968, p. 2.

L-ANNESS

IL-PROGRAMM TA' STUDJU GĦALL-KIRURGI VETERINARJI

Il-programm ta' studji li jwassal għad-diploma, iċ-ċertifikat jew prova oħra ta' kwalifiki formali fil-mediċina veterinarja għandu jinkludi mill-inqas is-suġġetti elenkati hawn taħt. Istruzzjoni f'wieħed jew iktar minn dawn is-suġġetti tista' tingħata bħala parti minn, jew f'assoċjazzjoni ma', korsijiet oħra.

A. Suġġetti bażiċi

- il-Fiżika,
- il-Kimika,
- il-Bijoloġija ta' l-animali,
- il-Bijoloġija tal-pjanti,
- il-Bijo-matematika.

B. Suġġetti speċifiċi**L-Ewwel Grupp:** Ix-Xjenzi bażiċi

- l-Anatomija (inklużi l-istoloġija u l-embrijoloġija),
- il-Fiżjoloġija,
- il-Bio-kimika,
- il-Ġenetika,
- il-Farmakoloġija,
- il-Farmaċija,
- it-Tossikologija,
- il-Mikrobijoloġija,
- l-Immunoloġija,
- l-Epidemjoloġija,
- l-Etika professjonali.

It-Tieni Grupp 2: Ix-Xjenzi kliniċi

- l-Ostetrija,
- il-Patoloġija (inklużi l-anatomija patoloġika),
- il-Parasitoloġija,
- il-Mediċina Klinika u l-kirurġija (inklużi l-anestetika),
- *Lectures* kliniċi dwar l-animali domestiċi, it-tjur u speċi oħrajn ta' animali varji,
- il-Mediċina preventiva,
- ir-Radjoloġija,
- ir-Riproduzzjoni u diżordnijiet fir-riproduzzjoni,
- il-Mediċina veterinarja ta' l-istat u s-saħħa pubblika,
- il-Leġislażjoni veterinarja u l-mediċina forensika,
- it-Terapewtika,
- il-Propedewtika.

It-Tielet Grupp: Il-Produzzjoni ta' l-animali

- il-Produzzjoni ta' l-animali,
- in-Nutrizzjoni ta' l-animali,
- l-Agronomija,
- l-Ekonomija rurali,
- it-Tkabbir ta' l-animali,
- l-Iġjene veterinarja,
- l-Etoloġja u l-protezzjoni ta' l-animali.

Ir-Raba' Grupp: l-Iġjene ta' l-ikel

- l-Ispezzjoni u l-kontroll ta' l-għalf ta' l-animali u ta' oġġetti ta' l-ikel li joriġinaw mill-animali,
- l-Iġjene u t-teknoloġija ta' l-ikel,
- Xogħol Prattiku (inkluż xogħol prattiku f'postijiet fejn isir il-qtil u fejn jiġu pproċessati l-oġġetti ta' l-ikel).

It-taħriġ prattiku jista' jkun fil-forma ta' perjodu ta' taħriġ, sakemm dan it-taħriġ ikun *full-time* u taħt il-kontroll dirett ta' l-awtorità kompetenti, u ma jaqbix is-sitt xhur fil-perjodu aggregat ta' taħriġ wara ħames snin studju.

It-tqassim tat-taħriġ teoretiku u dak prattiku fost il-gruppi varji ta' suġġetti għandu jkun bilanċjat u kkoordinat hekk illi t-tagħrif u l-esperjenza elenkati fil-lista ta' l-Artikolu 1(1) ta' din id-Direttiva ikunu jistgħu jintlaħqu f'mod li jip-permetti lill-kirurgi veterinarji b'mod adegwat biex iwettqu d-dmirijiet varji tagħhom.